**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 04/07**

l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2013 fil-5.30pm

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINCIPAL* |

*Preżenti wkoll l-Accountants tal-Kunsill is-Sur Alan Craig u s-Sur Ramon Cutajar mill-kumpanija MAZARS.*

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji: Skeda ta' Pagamenti
4. Risposta għal Management Letter fuq l-Audit
5. Jum Ħal Tarxien – Ġieħ Ħal Tarxien
6. Korsijiet
7. Rapport mill-Kunsillieri
8. Ħwejjeġ Oħra
9. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 03/07 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-artiġġanat relatat mal-proġett, għadu qed ifittex xi nies li jistgħu jkunu nteressati. ERDF

i.i Is-Sindku qal ukoll li fil-parti tal-proġett ta' Pjazza Sta Tereża fl-Information Kiosk rridu napplikaw għal meter ġdid (single phase).

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għax-xogħol ta' tisbih li sar bejn il-Blokki ta' Luqa Road, l-Housing Authority s'issa baqgħet ma pproċessatx l-pagament. Proġett-Tisbiħ Luqa Road

ii.i Il-Viċi Sindku qal li anke hu min-naħa tiegħu qed jipprova jagħmel kuntatt maċ-Chairperson tal-Housing sabiex dan il-pagament jgħaddi pero ma rnexxilux għaliex tinsab imsiefra.

ii.i Dwar biċċa art l-oħra in konnessjoni ma' dan il-proġett maħsuba li ssir parkeġġ, is-Sindku qal li naraw kif nistgħu niżviluppawh mal-privat bħala skema tal-PPP. Parkeġġ propost Luqa Road

Il-Kunsill qabel unanimament.

ii.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għas-suġġeriment tiegħu sabiex il-parti ta' fuq ta' Ġnien Joanne dik li tmiss ma' Luqa Road tinbidel u tiġi f'parkeġġ ser tkun diskussa f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

ii.iii Is-Sindku qal li dwar l-ittra li rċevejna mingħand is-Sur Vincent Schembri rigward biċċa art fi Triq Ħal Luqa fejn sar il-proġett ta' ameljorament bejn il-blokki, ser nressqu l-każ lill-avukat tal-Kunsill għall-parir legali tiegħu.

iii Rigward il-każ li kellna pendenti ma' l-ARRIVA dwar l-inċident fil-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra, intbgħatet id-Discharge Form lill-kumpanija CITTADEL għal rifużjoni ta' €800 spejjeż kif mitlub. Inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra mill-Arriva

iv Dwar ir-Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl, is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol inbeda. Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl

iv.i Il-Kunsillier Frans Agius nforma lill-Kunsill li sar ukoll ir-restawr fuq l-Arma li hemm mal-faċċata tal-Iskola fi Triq l-Iskola. Issuġġerixxa wkoll li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lid-Direttorat tar-Restawr. Restawr Arma Triq l-Iskola

v Is-Sindku qal li x-xogħol fil-komun tal-Blokki tal-Flats ta' Blokk 4 issa huwa lest. Lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar ser jinbeda x-xogħol fuq żewġ blokki oħra li jmiss. Xogħol fil-komun tal-Blokki

vi Rigward il-PPP, is-Seg. Eżek. qal li reġa kellem lid-Dipt. Gvern Lokali sabiex jgħaġġel il-proċess għall-pagament u dan min-naħa tiegħu nfurmah li l-file qiegħed f'idejn il-Ministeru. Il-Viċi Sindku staqsih jekk hu min-naħa tiegħu kellimx lis-Seg. Tal-Ministru sabiex jara f'hix wasal dan il-każ. Is-Seg. Eżek. ikkonferma dan u qal li l-proċess inbeda. PPP u Resurfacing

vii Rigward il-PV System, is-Seg. Eżek qal li kellem lill-Kuntrattur dwar l-applikazzjoni għall-meter fejn dan qal li ser jibgħatlina l-applikazzjoni meħtieġa sabiex jimtlew skond il-bżonn. PV System

*Is-Sur Ishmael Dalli wasal fis-6.45pm*

viii Rigward l-ground 5a side s-Sindku nforma lill-Kunsill li dan il-każ ser jiġi wkoll diskuss mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jagħtina l-parir legali tiegħu. — Użu tal-Ground 5a side

viii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie mitlub mill-Kappillan sabiex jitlob permess forsi għall-attivita' jintrama palk fil-ground.

Il-Kunsill qabel unanimament sakemm ma ssirx ħsara fit-turf.

ix Is-Sindku qal li dwar il-Convenant of Mayors, għamel kuntatt mas-Sur Jimmy Magro tal-AKL fejn irreferih għand persuna oħra. Is-Sur P. Farrugia ssuġġerixxa lis-Seg. Eżek. sabiex jagħmel kuntatt mas-Sur Fredrick Azzopardi. — Convenant of Mayors

x Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar ir-razzett li hemm fi Triq San Tumas, ser ukoll jitkellem mal-avukat tal-kunsill għall-parir tiegħu. — Razzett fl-akkwati ta' Triq San Tumas

x.i Huwa kompla jgħid li sid ir-razzett bgħat għalih sabiex jiltaqa' miegħu. Waqt din l-istess laqgħa, is-sid infurmah li mhux veru li ser jingħata post alternattiv ġewwa s-Siġġiewi u qallu wkoll li bħalu jeżistu madwar 20 razzett ieħor li qegħdin ġo l-abitat.

xi Rigward l-Ingaġġ ta' skrivana, s-Seg. Eżek. nforma lill-Kunsill li dan il-każ ħa fit-tul peress li konna żgwidati mid-Dipt. Gvern Lokali. Dan għall-fatt li meta l-Kunsill talab l-approvazzjoni tad-Dipt. sabiex l-impjegata taqleb minn part-time għall-full time, ġejna nfurmati li ridet issir talba uffiċċjali lid-Dipt. u nżommu lill-ETC kkupjati b'din l-awtorizzazzjoni. Il-Kunsill mexa ma' dawn l-istruzzjonijiet u daħħlu żewġ applikazzjonijiet, waħda minn dan il-Kunsill stess u oħra minn Kunsill ieħor. — Ingagg ta' skrivana fuq bażi full time

Is-Seg. Eżek. kompla jgħid li skond il-Collective Agreement jirriżulta li ladarba impjegata mill-istess Kunsill t'applika din ikollha l-preċedenza u ma jkunx hemm bżonn li s-sejħa tinħareġ fil-Kunsilli kollha. Is-Seg. Informa b'dan lid-Dipt u saħansitra bgħattlu kopja tal-artiklu tal-Collective Agreement. Id-Dipt. baqa' jinsisti li din mhix il-proċedura li jużа d-Dipt. u jekk il-Kunsill mhux ser jimxi mal-proċeduri tad-dipt. , is-Seg. Eżek. ser jerfa' r-responsabbilta' ta' dan. Is-Seg. Eżek. ikkonferma li ser jimxi mal-proċeduri tal-Collective Agreement u għalhekk ser jibda l-proċedura sabiex din l-impjegata tal-Kunsill taqleb full time. Ser jintbgħatu l-applikazzjonijiet relatati lill-ETC ta' tmiem ta' impjieg bħala part-timer u bidu ta' mpjieg bħala full timer.

xi.i Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill qatt applika fl-iskema sabiex l-ETC t'assenja persuni bi bżonnijiet speċjali mal-Kunsill. S'issa l-Kunsill qatt ma applika għal din l-iskema. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jekk l-ETC toħroġ skema bħal din ser japplika. — ETC – Skema Assenjar Persuni bi Bżonnijiet Speċjali

Il-Kunsill qabel.

xi.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li għall-Information Kiosk li hemm fil-parti tal-proġett li tagħmel ma' Triq Sta Tereża, il-Kunsill irid joħroġ tender għal servizz. — Tender g]hall servizz – Info Kiosk

xi.iii Il-Kunsillier Frans Agius ssuġġerixxa li jekk ma jsirx hekk tista' wkoll issir talba lill-MTA sabiex forsi jipprovdulna persuna huma.

xii Rigward l-Audit Investigattiv is-Sindku nforma lill-Kunsill li dawn ġew il-Kunsill u talbuna li qabel ma jipproċedu huma, tajjeb li l-Kunsill jibgħat email lill-Kuntrattur fejn jinfurmah dwar id-diskrepanzi li nstabu. Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb jibgħat din l-email. — Audit Investigattiv

xiii Is-Sindku qal li rċevejna ittri ta' ringrazzjament tal-ko-operazzjoni għal żmien il-festa mill (i) Kumitat tal-Festa Marija Annunzjata; (ii) Għaqda tan-Nar San Gabriel. — Ittri ta' ringrazzjament

xiv Is-Sindku qara ittra li rċevejna mingħand iċ-Ċirkolo San Gwann Bosco. Dawn qegħdin — Talba għal

jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill. għajnuna miċ-Ċirkolo San Gwann Bosco

Il-Kunsill lest u miftuħ għad-diskussjoni.

Il-Kunsill unanimament qabel li bħala Kunsill lesti li ngħinu sakemm u kif tippermettilna l-liġi. Iċ-Ċirkolo ser ikun infurmat b'dan.

xv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-TM approvat li jsiru traffic calmers waħda fi Triq L-Imqades tal-Qedem u tnejn fi Triq Kurunell Mas . Approvazzjoni għal Traffic Calmers

xv.i Il-Kunsilliera Doris Vella talbet lill-Kunsill sabiex ssir talba lit-TM għall-approvazzjoni ta' traffic calmer fi Triq San Franġisk Talba għal Traffic Calmer Triq San Franġisk.

xvi Is-Sindku ppreżenta rendikont tal-infieq u dħul għal żmien il-Festa ta' Marija Annunzjata 2013. Rendikont Spejjeż Festa M'Annunzjata 2013

Dħul - €1375.00 u Infieq - €1439.39 = Żbilanċ ta' €81.53

## 3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

## 4 Risposta għal Management Letter Fuq l-Audit

Is-Sur Ramon Cutajar ta' spjegazzjoni ċara ta' kull punt kif ppreparat fit-tweġiba għall-Management Report. *Risposta tal-Management Letter għall-Audit 2012*

Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekonda sabiex dan ir-Rapport jiġi aċċettat kif pprezentat. Il-Kunsill qabel unanimament. Ir-Rapport ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Seg. Eżek. u kopji ser jintbgħatu lill-Entitajiet konċernati kif mitlub.

## 5 Jum Ħal Tarxien – Ġieħ Ħal Tarxien

i Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-programm għal Jum Ħal Tarxien imqassam fuq erbgħat ijiem.

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sibt 29 ta' Ġunju 2013 | 8.30am u d-9.30am | FUNWALK |
| | Fis-7.45am | QUDDIESA |
| Il-Ħadd 30 ta' Ġunju 2013 | Fid-9.00am | KORTEO sa fejn il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra – Jingħata ĠIEH IL-KUNSILL U UNUR IL-KUNSILL |
| | Fl-10.00am | Wirja tal-Karozzi |
| It-Tnejn 1 ta' Lulju 2013 | Fis-6.30pm | Wirja ċ-Ċentru dwar l-Artiġġjanat |
| It-Tlieta 2 ta' Lulju 2013 | Fis-6.30pm | Jum l-Anzjani – Attivita' ġewwa Ġnien Joanne |

ii. Il-Kunsillier Frans Agius qal li għal ĠIEĦ ĦAL TARXIEN daħlu 3 nominazzjonijiet. Il-Bord iltaqa' t-Tnejn u għażel lis-Sna Daphne Ann Mintoff li ġiet l-ewwel fl-eżami tal-bank.

iii. Għal UNUR IL-KUNSILL LOKALI, is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekonda li

jingħata lis-Sna Eleonor Bezzina li ħadet il-midalja tad-deheb fl-isparar.

Il-Kunsill qabel unanimament.

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħala spejjeż għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Tarxien jżommu ma' budget ta' madwar €1100.

6 **Korsijiet**

Korsijiet

**i.** Il-Kunsillier Frans Agius nforma lill-Kunsill li għall-Kors tal-Kompjuter tal-IKIDS applikaw aktar minn 150 tifel u/jew tifla.

**ii.** Il-laqgħa għall-applikanti tal-Kors IKIDS ser tkun il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju 2013 fiċ-Ċentru Komunitarju.

**iii.** Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li kellem lil kumpanija TCTC fejn qablu li l-invoice għall-istampar tal-logo fuq il-leaflets li tqassmu f'kull residenza, ser tiġi rtirata.

iii.i kien hemm qbil unanimu sabiex titħallas is-somma ta €1150 lit-TCTC sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, it-TCTC tagħti dawn il-korsijiet.

iii.ii Is-Sindku u s-Seg. Eżek. iffirmaw l-Agreement tat-TCTC.

**7. Rapport tal-Kunsillieri**

i. *Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*
Is-Sur Agius qal li attenda għall-launch tal-Korsijiet organizzata mit-TCTC fil-lukanda The Palace tas-Sliema.

Huwa kompla jgħid li t-TCTC għoġbu jirregala lill-Kunsill tablet li qed jgħaddi waqt din il-laqgħa.

ii. *Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

ii.i Is-Sur Darmanin qal li għan-night hike attendew madwar 40 persuna u mxew minn Wied iż-Żurrieq sal-Buskett.

ii.ii Is-Sur Darmanin qal ukoll li kellu laqgħa mas-Supt. Sharon Tanti fl-għassa ta' Raħal Ġdid. Is-Supt. Tanti nfurmatu li s-sitwazzjoni f'Ħal Tarxien hija pjuttost kwieta fejn lokalitajiet oħra. Qal ukoll li qed jipproponi li ssir laqgħa mas-Supt. Tanti u r-residenti.

ii.iii Is-Sur Darmanin qiegħed jipproponi wkoll li ssir laqgħa għaż-żgħażagħ flimkien mas-sur Alphonse Zammit dwar il-youth exchanges futuri biex jispjegalhom kif taħdem.

ii.iv Is-Sur Darmanin ikkonferma li l-Exchange tal-Ingilterra ser issir bejn it-22 ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu. Applikaw 8 żgħażagħ u għalhekk ma kienx hemm għalfejn li ssir l-għażla bi tlugħ tal-polza. Bħala Leader ma' dan il-grupp għal din l-Exchange ser tmur il-Kunsilliera Doris Vella.

ii.v Is-Sur Darmanin ippropona li l-Kunsill jiftaħ kont bankarju u jiddepożita fih bil-quddiem l-ammont ta' 70% tal-ispejjeż għal kull parteċipant u għal kull youth exchange. Dan l-ammont ta' 70% ikun rifuż lura lill-Kunsill mill-Unjoni Ewropea wara li ż-żgħażagħ jirritornaw lura mill-iskambju.

Is-Seg. Eżek. ser jiċċekkja u jivverifika dan jistax isir.

ii.vi Is-Sur Darmanin qed jipproponi li tinħareġ sejħa għall-POOL kemm ta' żgħażagħ bejn is-16 u –l 25 sena kif ukoll għal-leaders li jixtiequ jiehdu sehem fil-youth exchanges. Ser isiru posters kif ukoll messaġġ fuq il-fuljett tal-Kunsill.

ii.v Is-Sur Darmanin qal li għandu talba sabiex isib żewġ persuni minn 25 sena 'l fuq għal laqgħa marbgħuta mal-youth exchange li ser issir ġewwa l-Portugal bejn is-7 u 14 ta' Lulju fejn ser iżuru diversi NGO's tal-pajjiż.

Il-Kunsill qabel li jmorru l-Kunsillieri Doris Vella u Ishmael Dalli.

ii.vi Is-Sur Darmanin qal li ser jorganizza BBQ għaż-żagħzagħ ta' bejn it-12 u s-16 'il sena nhar il-Ġimgħa 26 ta' Lulju 2013 fiċ-Ċirkolo San Ġwann Bosco. L-ikel ser ikun kollu sponsorjat.

iii *Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli*

iii.i Is-Sur Dalli qal li s-Sibt 22 ta' Ġunju ser jerġa jsir l-ġbir tal-ħwejjeġ għar-riċiklar bejn id-9am u 12pm.

iii.ii Is-Sur Darmanin qal li flimkien u bil-kollaborazzjoni ta' PARAGON Europe qed jiġi ppreparat u ffinalizzat rapport dwar Dejma Road sabiex jiġi ppreżentat lill-TM.

iv *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

iv.i Is-Sinj. Vella qalet li fis-6 ta' Lulju ser torganizza ħarġa għat-tfal fis-Sea Bank Hotel għall-prezz ta' €7.50. Is-Sinj. Vella kompliet tgħid li għamlet kuntatt mas-sorijiet sabiex jgħidulha kemm hemm tfal li ser jattendu għal din il-ħarġa. Il-Kunsill ser iħallas l-ispejjeż kollha involuti għal dawn it-tfal residenti għand is-Sorijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament.

iv.ii Is-Sinj. Vella qalet ukoll li fil-11 ta' Lulju 2013 ser torganizza ħarġa għall-Għawdex għall-prezz ta' €16 bl-ikell ukoll inkluż.

iv.iii Is-Sinj. Vella qalet li flimkien mas-Sindku attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Kummissjoni responsabbli mill-persuni b'diżabilita' fi ħdan il-parroċċa fejn qed jaraw x'għajnuna jista' joffri l-kunsill lill-persuni b'diżabilita.

Is-Sindku qal li din il-Kummissjoni qalet li fir-raħal hemm madwar 59 ruh bi bżonnijiet speċjali imma meta hu ċċekja mal-KNPD sab li hemm 167.

Is-Sinj. Doris Vella qalet li ser tiċċekkja mas-Sigurta Soċjali biex tara x'benefiċċji jistgħu jibbenefikw minnhom dawn il-persuni bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sinj. Vella qalet li flimkien mas-Sindku ser jippruvaw jorganizzawlhom laqgħa.

## 8 Ħwejjeġ Oħra

i Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li peress li l-Kunsillieri Frans Agius u Lawrence Bonavia ser ikunu msifrin fuq xogħol relatat mal-Kunsill, huma ntitolati għall-subsidiary allowance. F'laqgħa oħra li jmiss għandhom jippreżentaw l-irċevuti sabiex jiġu rimborsati ta' l-ispejjeż. Subsidiary Allowance

Ii Is-Sindku ppropona li fi żmien it-tlett xhur tas-sajf il-ġonna li għandna fir-raħal jiġu mżejna b'dawl dekorattiv. Huwa qed jipproponi li nikkuntattjaw l-għaqdiet tar-raħal sabiex nitolbuhom jikkwotawlna prezz u għal sena waħda din l-għaqda tieħu ħsieb tarma dan id-dawl.

Il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. sabiex jivverifika jekk għal għaqda minnhom jistax ikun hemm kunflitt ta' nteress.

Is-Seg. Eżek. ser jiċċekja dwar dan u jirraporta f'laqgħa oħra li jmiss.

**9 Għeluq tal-Laqgħa**

**i** Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

**ii** Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2013 fil-5.30pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**